MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 132/1996/1

**Saviour u Marlene konjugi Mifsud .**

**VS**

**Joseph u Rita konjugi Said,**
**U ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom Angelo u Mary konjugi Camilleri .**

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha, l-atturi wara li ppremettew :

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-magistrati (Ghawdex), superjuri tal-4 ta' Ottubru 1995 [Citaz. Nru: 167/95(PC)] fl-ismijiet : "Joseph Said vs Angelo Camilleri", l-istess Joseph Said kien gie kkanonizzat kreditur ta' Angelo Camilleri fis-somma ta' elfejn mija tlieta u sittin lira maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm2163.75c,0) in kwantu ghas-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) debitu, mija tlieta u sittin lira

maltin, u hamsa u sebghin centezmi (Lm163.75,) taxxa ufficjali mahruga mir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) reza ezekuttiva bl-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru, 1995 ;

Illi b'subbasta nru : 5/96 fl-ismijiet: "Joseph Said vs Angelo Camilleri", il-konvenut Joseph Said talab il-bejgh bis-subbasta ta' flat internament markat bin-numru tnejn (2) bl-arja liberu tieghu, kif ukoll garage sottostanti formanti parti minn korp ta' bini fi Triq Papa Pawlu Sitta (IV), kif indikat fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-21 ta' Lulju, 1988 :

Illi l-atturi llum huma fil-fatt il-proprejtarji tal-istess flat bl-arja tieghu, kif ukoll tal-garage hawn fuq deskritt, minnhom akkwistati in forza ta' zewg kuntratti --- wiehed tat-23 ta' Dicembru 1995 --- atti Nutar Paul George Pisani u l-iehor tat-tlettax (13) ta' Jannar 1996 ---- atti Nutar Paul George Pisani, esebiti bhala Dokument "A" u "B" fir-rikors tal-attur fl-atti tas-subbasta Nru : 5/96 fl-ismijiet, "Joseph Said vs Angelo Camilleri" .

Illi b'rikors appositu pprezentat mill-atturi fl-atti tal-istess subbasta hawn fuq imsemmija, huma talbu li l-istess subbasta tigi sospiza ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija ;

Illi dina l-Onorabbli Qorti bid-degriet taghha tat-tlieta (3) ta' Mejju, 1996 issospendiet l-imsemmija subbasta u pprefiggiet terminu ta' xahar sabiex tigi institwita c-citazzoni opportuna .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1) Tiddikjara illi l-flat internament markat bin-numru tnejn (2) bl-arja liberu tieghu, kif ukoll garage sottostanti formanti parti minn korp ta' bini fi Triq Papa Pawlu Sitta (VI), kif deskritti fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-21 ta' Lulju, 1988, huma proprjeta' esklussiva tal-atturi minnhom akkwistati in forza ta' zewg kuntratti --- wiehed tat-23 ta' Dicembru, 1995 --- atti Nutar Paul

George Pisani u l-iehor tat-tlettax (13) ta’ Jannar 1996 --- atti Nutar Paul Geroge Pisani esebiti bhala Dokument “A” u “B” fir-rikors tal-atturi fl-atti tas-subbasta Nru : 5/96 fl-ismijiet : “Joseph Said vs Angelo Camilleri” .
2) U konsegwentement tiddikjara null u bla ebda effett fil-ligi l-atti tas-subbasta Nru : 5/96 fl-ismijiet “Joseph Said vs Angelo Camilleri” .

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors tal-atturi tat-30 ta’ april. 1996, ipprezentat fl-atti tas-subbasta Nru : 5/96 fl-ismijiet : “Joseph Said vs Angelo Camilleri” u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, kkonfermata bil-gurament ta’ Saviour Mifsud,

Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe’ bhala dokument “A”, kuntratt in atti Dr. Paul Gorg Pisani tat-13 ta’ Jannar, 1996; u bhala dok “B”, kuntratt in atti l-istess Nutar, tat-23 ta’ Dicembru 1995 .

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet, tal-konvenuti Joseph u Rita konjugi Said, illi permezz taghha eccepew illi :

1. Illi fil-mument illi l-esponenti gew kanonizzati kredituri tal-konvenut l-iehor Angelo Camilleri l-fond de quo kien fil-patrimonju tieghu u ghalhekk il-procedura tas-subbasta numru 5/96 fl-ismijiet Joseph Said –vs- Angelo Camilleri mhiex inutli u ghalhekk l-esponenti m’ghandux ibaghti jew m’ghandhomx ibatu l-ispejjez ta’ din il-kawza .
2. Fit-tieni lok il-konvenuti Angelo u Mary konjugi Camilleri kien certament in malafede fit-trasferiment tal-fond pendenti l-proceduri tas-subbasta u ghalhekk jista’ jkun il-kaz illi hemm lok ghal kawza a bazi ta’ l-azzjoni pawljana. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti l-fakolta lill-konvenut eccipjenti illi jsegwu l-predenzjoni taghhom bi procedura apposita .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta’ Joseph Said .

Innutat illi l-konvenuti l-ohra Angelo u Mary konjugi Camilleri, minkejja li gew debitament innotifikati b’din ic-citazzjoni, kif jirrizulta mir-riferta pozittiva tad-29 ta’ Mejju 1996, ghazlu li jibqghu kontumaci .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, u d-dokumenti esebiti, inkluzi l-atti tas-subbasta numru hamsa tal-1996 (5/96), fl-ismijiet Joseph Said kontra Angelo Camilleri, kopja ta’ liema atti gew allegati mal-process tal-kawza odjerna .

Ikkunsidrat;

Illi ghal kemm il-konvenuti konjugi Said jeccepixxu illi fil-mument illi huma gew kanonizzati kredituri tal-konvenut l-iehor Angelo Camilleri, il-fond in kustjoni kien ghadu fil-patrimonju  ta’ l-istess konvenut Camilleri, fil-mument meta huma bdew il-proceduri ghal bejgh bis-subbasta ta’ l-istess fond, kif jirrizulta wkoll mill-kopji tal-kuntratti ta’ bejgh illi gew esebiti mill-atturi, il-fond in kustjoni kien ga gie mibjugh lill-atturi, u dana l-istess konvenuti Said setghu jkunu jafuh kieku saru d-debiti ricerki fir-registru pubbliku ta’ Ghawdex, qabel ma huma pprezentaw l-atti tas-subbasta msemmija .

Illi ghal hekk, u peress illi meta gew mibdija l-atti ta’ din is-subbasta,  kif ga inghad, il-proprjeta’ illi taghha ntalab il-bejgh, kienet ga tappartjeni lill-atturi konjugi Mifsud, huma gustifikati fit-talba taghhom illi l-atti ta’ din is-subbasta ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi ghal dawn ir-ragunijiet .

Il-konvenuti l-ohra l-konjugi Camilleri, naqsu wkoll illi jinfurmaw lill-konvenuti l-ohra Said, in segwitu ghal proceduri tas-subbasta msemmija illi kienu gew mibdija minn l-istess konjugi Said, wara illi dawna gew ukoll debitament notifikati bl-atti ta’ dik is-subbasta .

Illi ghal hekk kien hemm nuqqas da parti tal-konvenuti kollha, illi ttentaw jipprocedu b’din is-subbasta meta kienu

jafu jew setghu kienu jafu illi l-fond in kustjoni ma kienx ghadu jappartjeni lill-konvenuti konjugi Camilleri minhabba li kien gie trasferit qabel ma kienu gew mibdija l-istess proceduri tas-subbasta .

Ghaldaqstant, billi jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet,

1. tiddikjara illi flat internament markat bin-numru tnejn (2) bl-arja liberu tieghu, kif ukoll garage sottostanti formanti parti minn korp ta' bini fi Triq Papa Pawlu sitta (VI) kif deskritti fl-atti tan-Nutar dottor Michael Refalo tal-21 ta' Lulju, 1988, huma proprjeta' esklussiva ta' l-atturi minnhom akkwistata in forza ta' zewg kuntratti, wiehed tat-23 ta' Dicembru, tas-sena hamsa u disghin (1995), atti Nutar Paul Gorg Pisani, u l-iehor tat-13 ta' Jannar, 1996, atti wkoll tan-Nutar Paul George Pisani, esebiti bhala dokumenti "A" u "B", fir-rikors ta' l-atturi fl-atti tas-subbasta Nru: 5/96 fl-ismijiet "Joseph Said –vs- Angelo Camilleri";
2. u konsegwentement tiddikjara ghal hekk null u bla effett fil-ligi l-atti tas-subbasta Nru: 5/96 fl-ismijiet "Joseph Said –vs- Angelo Camilleri".

Bl-ispejjez tal-kawza fic-cirkostanzi tal-kaz, u minhabba n-nuqqasijiet li ga gew spjegati f'din is-sentenza da parti tal-konvenuti kollha ghandhom jigu ssapportati ugwalment bejn l-istess konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------